MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Numru 422/2009

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Magri)

vs

Victoria Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' 366573(M) akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. iffalsifikat jew biddlet minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew ta' prodott ta' industrija jew xjentement ghamlet uzu

ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali falsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

2. fl-istess zmien u cirkostanzi iffalsifikat jew biddlet, minghjr il-kunsens tas-sid, id-disinji jew mudelli ta’ manifattura jew xjentement ghamlet uzu ta’ dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew imbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

3. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamlet uzu ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tgharraq lix-xerrej dwar ix-xorta ta’ merkanzija jew bieghet merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema;

4. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement qeghdet fic-cirkolazjoni, bieghet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq;

5. fl-istess zmien u cirkostanzi ghal qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampat, immanufatturat, idduplikat jew mod iehor ipproduciet jew ikkopjat jew bieghet, qasmet jew mod iehor offriet ghal bejgh jew biex titqassam xi artiklu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahta;

6. fl-istess zmien u cirkostanzi bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghall-persuna ohra jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, applikat fuq oggetti jew fuq l-ippakkjettar taghhom sinjal identiku ghal jew li x’aktarx jithawwad ma’ ‘trademark’ registrata;

7. fl-istess zmien u cirkostanzi bil-ghan li tiehu vantagg ghaliha nnifisha jew ghall-persuna ohra jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju, bieghet jew kriet, offriet jew esponiet ghall-bejh jew kiri jew qassmet oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkettar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal jew li x’aktarx jithawwad ma’ ‘tademark’ registrata;

8. fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlet biex tbieghom jew tmexxihom;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta’ htija barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew parti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Dak li ta origini ghal din il-kawza hu li l-imputata minn xi snin l’hawn bdiet tinnegozja, fis-sens li bdiet tbiegh, figurini tal-‘Playmobil’ ta’ manifattura tal-‘Playmobil Malta Ltd’, li fuqhom hemm registrata ‘trademark’, u dan principalment permezz ta’ zewg siti eletronici fuq ‘e-bay’. Dawn il-proceduri jidher li ttiehdu kontra l-imputata fuq ittra tas-socjeta’ li gharfet lill-Pulizija li kwantitajiet sostanzjali tal-prodotti taghha kienu appertament qeghdin jinbieghu minn hanut f’Bugibba u minn siti fuq ‘e-bay’ bl-intima li jittiehdu proceduri fir-rigward ricettazzjoni u ksur tad-drittijiet tal-awtur. Fil-kors tal-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija gew elevati mill-pussess tal-imputata ammont sostanzjali ta’ figurini tal-Playmobil u ‘computer laptop’ tal-marka Toshiba. Meta xehed l-allura Spettur, illum Supretendent, Carmelo Magri, huwa spjega li meta kellem lis-socjeta’ dwar li kwerela li kien ircieva minghandha hi ilmentat li l-prodott li kien offrut ghall-bejgh ma kienx tal-kwalita’ rikjesta, ma kienx ippakkegjat kif jinhareg mis-socjeta’ u kien hemm fih modifikazzjonijiet li ma kienux awtorizzati minnhom, li wkoll kien hemm mudelli li kienu fil-process ta’ produzzjoni u ma kienux ghadhom inhargu fuq is-suq. Gie investigat sit fuq l-‘e-bay’ li rrizulta kien

jitmexxa mill-imputata, li giet investigata, u gew elevati mill-pussess taghha l-oggetti gia’ imsemmija li r-ritratti taghhom huma esebiti fil-process. Jghid is-Supretendent li fil-kors tal-indagni gie identifikat is-sors minghand min l-imputata kienet tixtri dawn il-prodotti. Fil-kors tax-xhieda li nstemghet gew esebiti registrazzjonijiet ta’ ‘trademarks’ li tgawdi s-socjeta’ fuq il-prodotti taghha f’total ta’ hamsa - tlieta lokali u tnejn kommunitarji. Xehdet ukoll certa Anna Agius impjegata mas-socjeta’ kwerelanti li spjegat il-procedura tal-manifattura tal-figurini, ossija pupi, li tikkonsisti kemm f’dawk li jsiru l-fabbrika u dawk li jigu ‘out-sourced’ lill-kontratturi maghzula mis-socjeta’ li jqassmu x-xoghol fid-djar sabiex jigu hemm assemblati. Tghid ix-xhud li l-principali tas-socjeta’ l-Germanja kienu gibdu l-attenzjoni taghhom dwar bejgh ta’ figurini li kien qed isir tramite s-sit elettroniku ‘e-bay’ u lilhom dehrilhom li fost dawn il-pupi kien hemm minnhom li ma kienux immanifatturati mis-socjeta’ u ma kienux konformi mal-ispecifikazzjonijiet taghhom. Spjegat li l-forom tal-figurin jezistu biss ghand is-socjeta’ hawn Malta u jsiru esklusivament minn nies teknici taghhom. Stqarret li l-imputata ma kinitx ‘sub-contractor’. Mistoqsija x’kien hemm rregolari fil-figurini reklamati fuq ‘e-bay’ ix-xhud qalet li kien hemm figurin wiehed li huma qatt ma kienu ipproducew u minn xi seba’ siti ohra kien hemm figurini differenti li ma kienux prodotti minnhom. Stqarret li ghalkemm is-socjeta’ kellha riferenza ta’ dak li pproduciet ma kinitx hi li kienet ivverifikata. Dwar l-ippakkeggjar tal-figurini tghid illi jsir mill-fabbrika u l-bejgh taghhom jsir ukoll Malta minn hwienet awtorizzati mis-socjeta’. Tghid li bhala parti sfuzi ma jbieghux u bhala prassi s-socjeta’ ma tawtorizzax il-bejgh fuq ‘e-bay’. Spjegat ukoll li l-figurini li johorgu difettuzi jigu riciklati u kull figurin jghaddi minn kontrolli vis-a-vis kwalita’.

Xehdet l-imputata. Qalet li hi kollezjonista u ilha ghal tletin sena. Stqarret li xi zmien ilu bdiet taghmlu wkoll bhala negozju u tbiegh fuq l-internet. Kienet tixtri minn diversi sorsi anka mill-Playmobil stess u wkoll minn barra l-pajjiz. Mill-figurini kienet taghmel dak li jissejjah bhala ‘customising’ jigifieri kienet izzarma figurin (li jizzarma facilment), taghmlu skond l-ideja taghha u kif trid hi u anka

tohloq xena. Fi kliema tghid: “Jiena kemm zarmajt pupu u hloqt haga ohra”. Semmiet wkoll l-‘mix match figures’ jigifieri l-krejazzjoni ta’ figurin minn partijiet sfuzi li taghhom esebit dok.VV4 (konsistenti f’pakkett mibjugh minn Playmobil kontenenti partijiet sfuzi ta’ figurini). Apparti l-‘customising’ u l-‘mix and match’ x-xhud tistqarr li vis-a-vis il-figurin jew mill-partijiet sfuzi ma kienet izzid xejn (per ezempju mill-kulur jew mill-forma intrisika ta’ xi parti minnu). Dwar l-ippakkeggjar tistqarr li in kwantu kienu ‘second hand goods’ kienet tuza ‘zip bags’ l-istess ghal tal-Playmobil. Tghid l-imputata li l-prodotti taghha kienu kollha “bhala second hand goods unless il-vera kien xi haga gdida u nzommha fil-kaxxa u bghettha bhala xi haga gdida”. In kontro-ezami l-imputata ikkonfermat li hi ma kellha ebda awtorizzazjoni minn Bradstatter (il-parent company) jew Playmobil biex taghmel dak li kienet taghmel. Ikkonfermat li ma kinitx tbiegh f’kaxxi (presumibilment tal-Playmobil) billi kienu oggetti uzati hlief meta kienu jkunu godda fjamenti fejn allura kienet tbieghhom fil-kaxxa proprja, mhux miftuha, kif ippakkeggjati. Lanqas ma kienet tghaddihom mill-process ta’ ‘quality control’. Fuq domanda jekk kinitx tesigi ricevuti (fiskali) ta’ dak li kienet tixtri, l-imputata tirrispondi ‘li qabel ma kellix’. Kienet isaqsi izda mhux kulhadd kien jghati. Tistqarr li ddikjarat sal-anqas trasazzjoni li ghamlet. Dwar il-‘mix & match’ tghid li kienet tqabbel ma figurini (sfuzi) minn varji kontenituri taghhom.

Fir-rigward dak li kienet tbiegh hemm esebit fl-atti s-sit, anzi zewg siti, tal-‘e-bay’ taghha li jinsabu a folio 78 et seq tal-process.

Dwar l-imputazzjonijiet: Tali huma ipotizzati:
(i) fil-qerq fil-kummerc u l-industrja senjatament il-ksur fl-Artikolu 298 (1)(a)(b)(c)(f). Fir-rigward ta’ dawn il-Qorti ghandha dan xi tghid.

(ia) Fuq is-subincis (a) u (b) ir-reat huwa mahsub fuq minn jiffalsifika jew ibiddel, sew l-ismijiet, sew il-marki, sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott tal-indistrja, jew tad-disinji, jew mudelli ta’ manifattura, jew xjentement jaghmel uzu minnhom, f’kull ipotesi, minghajr

il-kunsens tas-sid. Mill-provi huwa bil-wisq car li si tratta ta' oggetti (figurini tal-Playmobil) mixtrija legittimament (hawnhekk il-Qorti taghmilha cara li l-imputata sejra tigi liberata tal-akkuza ta' ricettazzjoni - it-tmien akkuza – li ser titratta dwarha aktar 'l isfel f'dan il-gudikat) b'daqstant li legalment is-sid kienet hi stess.

(ib) Dwar is-subincizi (c) u (f) l-Qorti tistqarr li ma riskontrat ebda qerq fuq ix-xorta jew bejgh tal-oggetti in kwistjoni bl-uzu xjenti ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi tali li l-konsumatur

seta' jigi defrawdat. L-imputata kienet tbiegh minn zewg siti allestiti minnha minn fuq l-'e-bay' figurini 'Playmobil', originali, u ta' proprjeta' taghha stante li mixtrija legittimament minnha, li kienet tassembla a pjaciment taghha, dirett lejn xerreja bl-istess passjoni taghha. Fejn hu l-qerq jew ix-xebh fil-qerq il-Qorti frankament mhux tiriskontrah.

(1c) Il-hames imputazzjoni titratta ksur tad-drittijiet tal-awtur ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kap 9. Issa, ksur tad-drittijiet tal-awtur jippermanu f'dawk x-xogholijiet li l-ligi stess taghtihom protezzjoni taht il-Kap 415. L-Artiklu 3(1) ta' dan il-Kap fost ix-xoghlijiet eligibbli ghall-protezzjoni isemmi 'xoghlijiet artistici' li taghhom l-ligi fl-Artiklu 2 tal-imsemmi Att taghti tifsira taghhom billi tinkludi fihom xoghlijiet rikjedenti hila, bravura u attenzjoni kbira li talvolta huma rikjesti fil-figurini in kwistjoni. Madankollu, hemm dottrina li tghallem li " a defendant is not liable if he has taken from the work the essential idea, however original, and expressed the idea in his own form or used the idea for his own purposes" (Copinger and Skone James On Copyright). Jidher ghalhekk li anka ta' din l-imputazzjoni l-imputata ghandha tigi liberata.

(1d) Fil-konfront tas-sitt u s-seba' imputazzjoni huma jikkolpixxu l-Att dwar it-'Trademarks'

senjatament jakkuzaw l-imputata bi ksur tal-Artikolu 72(1)(a)(b) tal-Kap 416. Skont l-Artikolu

2 tal-imsemmi Att 'trademark' tfisser "kull sinjal li jista' jigi rappresentat b'mod grafiku u li bih

jistghu jintgharfu l-oggetti u s-servizz ta' xi impriza minn dawk ta' imprizi ohra. Trademark

tista' , b'mod partikulari, tkun tikkonsisti fi kliem (inkluzi ismijiet personali), elementi

figurattivi, ittri, numri jew il-forma ta' oggetti jew l-ippakkettjar taghhom ". Fil-kawza
in disamina jirrizulta li l-kelma PLAYMOBIL hija registrata kemm lokalment u kemm
komunitarjament f-isem is-socjeta' tedeska Brandstatter li ghalhekk hija l-proprjetarja' tal-isem.
Intant jirrizulta mhux kontestat li l-imputata tramite sit fuq 'e-bay' bieghet minn dawn il-prodotti taht l-isem Playmobil fis-sens li identifikathom bhala tali kif effettivament kienu, irrispettivament jekk kienu 'customised' jew assemblati bil-'fix & match'. Certament il-fatt li bieghithom meta kienu ta' proprjeta' taghha kien dritt sakrosant taghha. Huwa l-metodu ta' bejgh bl-uzu tal-isem registrat li huwa in diskussjoni. U huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti tifhem li hemm ksur tal-Artikolu 72(1)(a) tal-Kap 416 stante l-uzu tal-verb 'applikat' fl-artikolu de quo.
2. Fir-rigward l-ahhar akkuza li tipotizza r-ricettazzjoni huwa wisq car ghal din il-Qorti illi palesament jonqos l-element tas-scienter fl-imputata u dan indipendentement mill-esitu tal-proceduri li kienu ttiehdu kontra certu Previ minghand min jinsab pruvat li l-imputat xtrat minn dawn il-figurini. Il-Qorti ma tiddecidix bl-ipotesijiet u kongetturi izda skond il-fatti li jirrisultawlha u mill-assiem tal-provi fuq daqshekk hija bil-wisq konvinta li l-imputata la kienet taf u lanqas setghet tkun taf li limitatament ghall-oggetti li xtrat dawn kellhom, jekk kellhom, provenjenza delittuwza.

Taqta' u tiddecidi ghalhekk li issib l-imputata hatja tas-sitt imputazzjoni. Tilliberha mill-bqija. Rat l-Artikolu 72(1)(a) tal-Kap 416. Billi konvinta mill-genwinita' taghha. Tilliberha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-lum bl-applikazzjoni tal-Kap 446, Artikolu 22.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------